# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STORJA (OPTION)** **ĦIN: Siegħa u**

### L-Ewwel Parti - Storja ta' Malta

**A. Aqra dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet dwaru:**

"Il-Maltin dejjem jitkellmu l-Malti li kien ilsien Semitiku influwenzat ħafna mill-Għarbi…..Iżda l-lingwa tal-Knisja u tal-Qrati, tal-kuntratti, tad-dokumenti, tal-kultura kienet il-lingwa Taljana……Meta l-Ingliżi ġew Malta, kollox kien bit-Taljan…..L-Ingliżi kellhom kull dritt li jagħmlu ħilithom biex nitgħallmu l-Ingliż, imma ma kellhom l-ebda dritt, mingħajr il-kunsens tagħna, jordnawlna li ma għandniex nitgħallmu fl-iskejjel it-Taljan. L-ewwel Kummissjoni Rjali li ġiet Malta fl-1836 irrispettat il-pożizzjoni Maltija….. Iżda meta ġie Keenan deherlu illi kien fl-interess tal-Maltin, speċjalment wara li Malta saret bażi navali u ċentru tat-traffiku tal-Mediterran, li jitgħallmu l-Ingliż mill-ewwel klassijiet. Iżda billi rah diffiċli li t-tfal jitgħallmu l-Ingliż u t-Taljan iddeċieda li t-Taljan kellu jispiċċa u kellu jiġi studjat fit-tielet u fir-raba' klassi jekk xi ħadd kien irid jitgħallmu…. Ir-rapport ta' Keenan qajjem xenati kbar."

(Sors adattat mill-ktieb ***Rajt Malta Tinbidel*** ta' Herbert Ganado, 1975)

1. Dan hu sors primarju jew sors sekondarju? Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2. Biex kienu normalment jitkellmu l-Maltin fid-djar tagħhom? ______________________________ (1)

3. Fejn kienet tintuża l-lingwa Taljana?

______________________________________________________________________ (1)

4. Kif tissejjaħ il-kwistjoni li qiegħed jittratta dan is-sors?______________________________ (1)

5. Għaliex taħseb li kienu importanti għall-Maltin

(a) il-lingwa Taljana?______________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

(b) il-lingwa Ingliża?______________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

6. X'differenzi tara bejn ir-rapport tal-Kummissjoni Rjali tal-1836 u l-Keenan Report rigward il-lingwi?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

7. X'kienet il-kawża li r-rapport ta' Keenan qajjem xenati kbar?

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

8. Semmi persuna jew partit li kienu involuti sewwa f'din il-kwistjoni.

_____________________________________________________________________ )

**(1**

StudentBounty.com

**B. Aqra dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

"I beg to inform you that Malta just now is not an agreeable residence. We have the cholera of a fatal type in our midst stalking about both at night and by day, taking its victims very suddenly, sometimes two or three in a single family. There is a general alarm among the population and, not to increase it, when a soldier dies, the body is buried in the early morning and not with the playing of the dead march as is customary when the public health is good. Again when the Communion is given to the sick, it is not taken from the church with the ringing of bells as is usual in other times but silently so that the people may not know how many are dying in the course of the twenty-four hours – and well it is so. Otherwise fear would have more victims than the cholera. Sicily, our nearest point of communication, will have nothing to do with us while the continental ports have put us in quarantine end……I do not ask for leave of absence for under all circumstances I feel it my stern duty to remain where I am".

*(Letter written by the American Consul in Malta, 22nd July 1865)*

1. Taħseb li dan hu sors primarju jew sors sekondarju? Kif taf dan?

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________ (2)

2. Minn xiex kienet tiġi l-kolera?

_____________________________________________________________________ (1)

3. Għaliex ma kinux jindaqqu marċi funebri meta jmut suldat u lanqas jindaqqu qniepen meta toħroġ l-Ewkaristija mill-knisja ?

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________ (2)

4. Kif taf mis-sors, li meta kien ikun hawn il-kolera f'Malta, l-ekonomija u l-kummerċ kienu jmorru lura?

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________ (2)

5. Liema sptar f'Malta kien jintuża għall-kwarantina? ______________________________ (1)

6. Għaliex kien importanti li l-kwarantina ssir sew?

_____________________________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

7. X'għamel il-Gvern Ingliż, speċjalment fl-inħawi tat-Tlett Ibliet, sabiex it... ...ħda sanitarja u jnaqqas il-mard f'Malta?

______________________________________________

______________________________________________ (

**(10 marki)**

**Ċ. Ħares lejn dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Issa huwa l-mument, O poplu, li aħna nqumu u ma nibqgħux iżjed rotob, inkunu ibsin, inkunu feroċi, inriegħdu lil kull min biss iħares lejna, aħna qegħdin f'darna, għalhekk bid-dritt kollu aħna rridu nkunu liberi u sakemm din il-libertà għalina tibqa' mċaħħda, nuru dejjem li m'aħniex kuntenti, inħarsu biċ-ċiera lejn il-barranin li qegħdin jaħkmuna. Ma nibqgħux iżjed mansi, Maltin ħutna, ma nibqgħux iżjed rotob, inġiegħlu lil min qiegħed jaħqarna u jisraqna jroddilna ħwejjiġna, u jroddhomlna ħaqq li jroddhomlna."

(Il-gazzetta *L'Unjoni Maltija*, 29 ta' Marzu, 1919)

1. X'ġara f'Malta ftit xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-artiklu?

______________________________________________ (1)

2. X'messaġġ qiegħed iwassal dan l-artiklu? Semmi xi kliem sabiex turi dan.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

3. Għal min qiegħed jirreferi l-awtur meta jsemmi 'il-barranin'?

______________________________________________ (1)

4. Semmi **żewġ** kawżi li wasslu għal dawk il-ġrajjiet koroh tal-1919.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

5. Fejn seħħew dawn il-ġrajjiet tal-1919? ______________________________ (1)

6. Kemm mietu nies f'dawn il-ġrajjiet? ______________________________ (1)

7. Semmi **żewġ** effetti li ħallew dawn il-ġrajjiet tal-1919.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**D. Ikteb paragrafu fuq TNEJN minn dawn.**
**Kull paragrafu għandu jkun ta' madwar tmien sentenzi.**

1. Is-sistema Kontinentali u l-effett tagħha fuq Malta

2. Il-mixja kostituzzjonali ta' Malta taħt l-Ingliżi sal-1903

3. Malta bħala bażi militari

4. Il-*Breakwater*

5. L-Emigrazzjoni

6. Il-kriżi politiko-reliġjuża tas-Snin Sittin (1960s) **(10 marki x 2 = 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## It-Tieni Parti - Storja tal-Ewropa

**E. Ħares lejn din il-karikatura u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**



[Reproduced by permission of the Proprietors of 'Punch.'

THE MAN IN POSSESSION.

V—R E—M—L. "I WONDER WHEN HE WILL OPEN THE DOOR."

Will Garibaldi surrender Sicily and Naples to Victor Emmanuel?

(Karikatura dwar l-għaqda tal-Italja, li dehret fil-gazzetta *'Punch'*.)

1. Min huma l-persunaġġi li jidhru fil-karikatura?

_________________________ _________________________ (2)

2. X'irid ir-re li qed iħabbat fuq il-bieb?

_________________________________________________ (1)

3. Għaliex il-persunaġġ l-ieħor qisu qed jaħsibha jekk jiftaħx jew le?

_________________________________________________

_________________________________________________ (2)

4. B'liema mod il-persuna ta' wara l-bieb għen sabiex l-Italja tingħaqad?

_________________________________________________

_________________________________________________ (2)

5. Semmi persuna oħra li kienet importanti fl-għaqda tal-Italja u għid għaliex.

_________________________________________________ (2)

6. Liema pajjiż ieħor fl-Ewropa wkoll kien għaddej mill-proċess tal-għaqda?

_________________________________________________ (1)

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. Aqra dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

Question: What were your hours of labour?
Answer: From five in the morning till eight at night.
Question: You had fourteen and a half hours of actual labour, at seven years of age?
Answer: Yes.
Question: Did you become very drowsy and sleepy towards the end of the day?
Answer: Yes; that began about three o'clock; and grew worse and worse, and it came to be very bad towards six and seven.
Question: How long was it before the labour took effect on your health?
Answer: Half a year.
Question: How did it affect your limbs?
Answer: When I worked about half a year, a weakness fell into my knees and ankles: it continued, and it got worse and worse.
Question: How far did you live from the mill?
Answer: A good mile.
Question: Was it painful for you to move?
Answer: Yes, in the morning I could scarcely walk, and my brother and sister used, out of kindness, to take me under each arm, and run with me to the mill, and my legs dragged on the ground; in consequence of the pain I could not walk.
Question: Were you sometimes late?
Answer: Yes, and if we were five minutes too late, the overlooker would take a strap, and beat us till we were black and blue.

*(Joseph Hebergram was interviewed by Michael Sadler's Parliamentary Committee 1st June, 1832)*

1. Għaliex taħseb li saret din l-intervista?

________________________________________ (1)

2. Kemm kellu żmien it-tifel li ġie intervistat? ______________________ (1)

3. Kemm-il siegħa kien jaħdem kuljum? ______________________ (1)

4. Fejn kien jaħdem dan it-tifel? ______________________ (1)

5. Kif nafu minn dan is-sors li x-xogħol li kien qed jagħmel dan it-tifel kellu effett ħażin fuq saħħtu?

________________________________________

________________________________________ (2)

6. Ħafna mill-ħaddiema tal-fabbriki kienu jgħixu f'kundizzjonijiet ħżiena fi *'slum areas'*. Spjega x'kont issib f'dawk l-inħawi.

________________________________________

________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. X'sar sabiex il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawn it-tfal jitjiebu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(Total 10 ma**

**G. Ħares lejn din il-mappa u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**




Mappa tal-Imperu Awstrijakk fl-1848

1. X'qiegħda turi din il-mappa tal-Imperu Awstrijakk tal-1848?

______________________________________________________________________ (1)

2. Mill-mappa, semmi erba' razez li kienu jagħmlu parti mill-Imperu Awstrijakk fl-1848.

______________________________________________________________________ (2)

3. Min kien il-Kanċillier Awstrijakk li kien imexxi lill-Awstrija dak iż-żmien? ________________ (1)

4. Fl-1819 dan il-Kanċillier Awstrijakk ħareġ il-*Carlsbad Decrees*. X'kienu dawn?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

5. Xi ġralu dan il-Kanċillier Awstrijakk minħabba l-irvellijiet tal-1848 fl-Imperu Awstrijakk?

______________________________________________________________________ (1)

6. Semmi żewġ raġunijiet għala dawn l-irvellijiet fl-Imperu Awstrijakk fallew.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. Semmi pajjiż ieħor fejn kien hemm rivoluzzjoni f'dik is-sena.________________ (1)

**ki)**

**G. Ikteb paragrafu ta' madwar tmien sentenzi kull wieħed fuq TNEJN minn dawn.**

1. Ir-riżultati tar-Rivoluzzjoni Industrijali
2. Il-Greċja ssir pajjiż independenti
3. Kif is-sistema tal-Alleanzi fl-Ewropa wasslet għall-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija
4. Il-Ġermanja ssir nazzjon wieħed
5. Hitler u n-Nażiżmu
6. It-Tieni Gwerra Dinjija **(10 marki x 2 = 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers